# Il-Ħadd 22.09.2019

1. Illum 22/09:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha qed nistiednu b'mod speċjali lill-għalliema li huma jew joqgħodu fil-Parroċċa tagħna, u lit-tfal kollha biex iġibu l-basktijiet tal-iskola sabiex fl-aħħar tal-quddiesa nagħmlu talba tal-barka hekk kif ser tibda sena skolastika u edukattiva ġdida.

   N.B. Nawguraw sena ta' edukazzjoni u formazzjoni tajba.

2. It-Tlieta 24/09:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kummissjoni Djakonija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

3. Il-Ġimgħa 27/09:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Is-Sibt 28/09:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

5. Avviżi oħra marbutin mal-andament tad-duttrina għal din is-sena:
   - Infakkar li min ser jirreġistra lil uliedu għad-duttrina għall-ewwel darba, għandu jitlob formola mis-Superjuri u wara li jimliha sewwa u jhemeż iċ-ċertifikat tal-Magħmudija li jinkiseb mill-Uffiċċju Parrokkjali tal-knisja fejn irċevew dan is-sagrament, jerġa' jgħaddiha lis-Superjuri mill-aktar fis. Dawk li ser ikun hemm xi tibdil fejn jattendu d-duttrina, mitluba jinfurmaw lis-superjuri wkoll.
   - Il-quddiesa tal-Bidu tas-sena tad-Duttrina ser issir nhar it-Tnejn 30/09 fis-6:30pm.
   - Il-jiem tad-duttrina fil-Parroċċa tagħna ser ikunu hekk:-

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Subien:** | *Yr 1*: | It-Tnejn:- | bejn il-5:30pm u s-6:25pm |
| | *Mill-Yr 2 sal-Yr 5*: | It-Tnejn u l-Ħamis:- | bejn il-5:30pm u s-6:25pm |
| | *Mill-Yr 6 'il fuq*: | Kuljum (barra l-Erbgħa):- | bejn is-7:00pm u t-8:00pm. |
| **Bniet:** | *Yr 1 sa Yr 4*: | It-Tnejn u l-Ħamis:- | bejn il-5:15pm u s-6:00pm |
| | *Yr 5 sa Fm 2*: | It-Tnejn u l-Ħamis:- | bejn is-6:15pm u s-7:00pm |
| | *Fm 3 'il fuq*: | It-Tnejn u l-Ħamis:- | bejn is-7:15pm u t-7:45pm. |

   N.B. Ma nimpenjawx lit-tfal bi privatijiet u lezzjonijiet tal-kant, żfin, futboll, eċċ. f'dal-ħinijiet.

6. Avviżi oħra:-
   - Il-Ġimgħa 27/09, fis-7:00pm, Laqgħa organizzata mill-Moviment ta' Kana għall-Operaturi Pastorali li jaħdmu fil-qasam tal-familja fis-Sala San Ġorġ Preca tal-Istitut Kattoliku, Floriana.

7. Avviż mill-Kunsill Lokali:
   - Min għalaq l-55 sena u jixtieq jieħu t-tilqima kontra l-influwenza mitlub japplika għaliha sal-aħħar ta' Settembru fl-Uffiċċju tal-Kunsill u jieħu miegħu l-karta tal-identità.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:

   - € 250 bħala ġabra speċjali b'risq il-Missjoni tal-Art Imqaddsa. Grazzi.

9. Nitolbu għal Anthony Busuttil li għadda għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.

   Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...